**Minuti tal-23 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sur. Gatt saqsa kif konna bqajna fuq il-liwja ta' Triq Wied in-Noqor. Is-Segretarju qal li huwa kien bagħat lil-ċertu Charlie Gafa fuq il-każ u dan kien qed imexxi biex ikun hemm direct action. Huwa kien qal li se jerġa jibgħat reminder ieħor fuq din il-liwja u jibqa jagħmel pressjoni.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Saliba semma li meta kienet diskuss il-proposta li ssir il-funtana fejn hemm il-Housing Estate huwa semma li jista jsir gazebo hawnhekk u jkun aħjar.

3.2 Is-Sur. Gatt semma li kien hemm mera li kien hemm siġra quddiemha u li kellha bżonn tinżabar. Din il-mera kienet tinsab fi Triq il-Biedja. Is-Segretarju semma li huwa kien se jgħid lil ELC biex jagħmlu dan ix-xogħol.

3.3 Is-Segretarju semma li kienu saru xi bankini bil-konkos mill-ġdid u ġew tajbin ħafna. Huwa ssuġġerrixxa lil membri tal-Kumitat li jekk għandhom xi bankini li jistgħu jerġgħu jsiru mill-ġdid sabiex javviċinaw lis-Sindku fuqhom u jgħidulu bil-ħsieb.

3.4 Is-Sur. Saliba semma li l-konkos li saret maġenb il-Kappella ma kinitx pulita għax ġiet rough.

3.5 Is-Segretarju semma li jekk il-membri tal-Kumitat għandhom xi proposta x' jista jsir maġenb il-Kappella jsemmuha waqt il-laqgħa biex huwa jkun jista jgħid lis-Sindku dwarha. Huwa qal li s' issa hawn kien propost biex jittella ċ-ċint li kien hemm imwaqqa u jiġi rranġat.

3.6 Is-Sur. Gatt saqsa jekk ġielix konna ktibna fuq il-leaflet tal-Kunsill dwar ix-xogħol tal-Kumitat. Is-Segretarju qal li huwa se jkun qed jinfurmahom meta jiġi biex jinħareġ il-leaflet tal-Kunsill biex filkaż jsir artiklu.

## 4 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu 2017 fis-6.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

_______________________ _______________________

Raymond Saliba<br>Chairperson

Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv